**Kunsill Lokali Birgu**

**Head Office** - Couvre Porte - Birgu BRG 1810 Tel : 21662166 Fax : 21662266
**Front Office** – Auberge d'Angleterre, Triq il-Majjistral., Birgu BRG 1270 Tel/Fax: 21802707
e.mail : birgu.lc@gov.mt website : www.birgu.gov.mt

10 ta' Gunju, 2010

# Minuti tal-laqgha 44(05)

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' ghal-laqgha numru 44(05) ghal ewwel darba fil-Berga ta' Franza nhar l-Erbgha 9 ta' Gunju, 2010 fil-5:30 ta' filghaxija.

## Prezenti

Is-Sur John Boxall - Sindku, s-Sur Christopher Cassar – Vici Sindku, s-sinjura Miriam Grech - Kunsilliera u s-Sinjura Judith Saliba – Kunsilliera u s-Sur Ivan Peresso – Kunsillier.

Il-Kunsilliera, s-sinjura Judith Saliba, kellha tohrog fi 7:30 ta' filghaxija u titlaq mil-kamra minhabba ragunijiet personali.

## Talba

Is-Sindku, s-Sur John Boxall qal it-talba u ta bidu ghal-laqgha.

Is-Sindku beda, billi laqa' lil shabu l-kunsilliera f'dan il-post u awgura l-isbah xewqat lil Kunsill fil-hidma tieghu f'din il-binja storika li ser tkun l-ufficini l-godda tieghu.

## 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-laqgha 43(05) ittiehdu bhala moqrija.

1.1 Item 1.5(43/05) Impjieg fuq bazi 'part-time' biex tiehu hsieb il-progetti tal-Unjoni Ewropea.

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, qal li dan l-item ghadu pendent u ghaldaqstant ssugerixxa sabiex jittiehed parir ulterjuri min-naha tas-Segretarju Parlamentari ghal Kunsilli Lokali.

1.2 Item 2.5 (43/05) – Attivita ta' "outdoor cinema" fil-Birgu.

Is-Sur John Boxall, Sindku, nforma lil Kunsilliera li ser issir laqgha mas-Sur Frank Micallef sabiex tigi diskussa f'aktar dettal din l-attivita. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.3 Item 2.7 (43/05) – Organizazzjoni ta sezzjonijiet ta' qari fil-Librerija Regjonali

Is-Sindku qal li wara konverzazzjoni mas-Sinjura Nadia Mifsud, gie ssugerit sabiex is-sezzjonijiet ta' qari fil-Librerija Regjonali ta' stejjer ghat-tfal ta' bejn it-3 u l-5 snin ghal trabi u tfal ta' bejn is-sitt xhur u tliet snin, jsiru bejn id- 9 t'Awwissu u l-4 ta' Settembru, 2010. Wara diskussjoni, l-Kunsilliera prezenti bi qbil unanimu qablu li d-dati ssugeriti mis-sinjura Nadia Mifsud ma kienux viabli, peress li fix-xahar t'Awwissu jigu ccelebrati z-zewg festi ta' din il-lokalita u jkun hawn hafna li jiehdu l-vakanzi, f'dan il-perjodu propju wara l-granet tal-festi

1.4 Item 2.8 (43/05) Talba ghad-devoluzjoni ta' l-area maghrufa bhala "Il-Glaziz".

Is-Sindku sostna li l-Kunsill Lokali tal-Birgu ghandu kemm jista' jkun malajr jibghat l-applikazzjoni ghad-devoluzjoni ta' l-area maghrufa bhala "Il-glaziz". Hawnhekk, is-sur Boxall pprezenta kopja tal-*lease agreement* mibghut mid-Dipartiment ta' l-Artijiet ghad-devoluzjoni ta' l-area maghrufa bhala "il-Glaziz", fejn, is-Sindku zied jghid li l-kera ghal din l-area ser tkun ta' € 250 fis-sena. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.5 Item 2.10 (43/05) Korsijiet ta' lifelong learning

Il-Vici Sindku, s-sur Christopher Cassar, qal li wara li hu flimkien mal-Kunsilliera Judith Saliba attendew ghal laqgha ta' informazzjoni dwar korsijiet ta' "lifelong learning", minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill, mhux viabli ghall-istess Kunsill sabiex japplika ghal dawn il-korsijiet peress li jrid jithallas 50% ta' l-ispiza totali mil-Kunsill. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. Hawnhekk, is-Sindku zied jghid li fix-xhur ta' Lulju, 2010, il-Kunsill bil-kollborazzjoni ta' l-ETC ser jigu organizzati korsijiet tal-Malti u l-Ingliz ghal l-adulti u dawn ser issiru Couvre Porte.

1.6 Item 2.13(43/05) Permess mitlub mil-Ghaqda Muzikali San Guzepp, Kalkara, ghal hruq tal-kaxxa infernali mil-konfini tal-Birgu

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li l-Ghaqda Muzikali San Guzepp, Kalkara li l-permess sabiex jinghalaq il-post maghruf bhala x-Xewkija fil-konfini tal-Birgu, sabiex issir il-hruq

tan-nar waqt il-festa ta' San Guzepp, huwa mehtieg biss sakemm tinharaq il-kaxxa infernali, u ghaldaqstant issugerixxa sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jaghti l-permess mehtieg. Importanti ferm li din l-ghaqda tinzamm responsabli ghat-tindif ta' din iz-zona u ma jithalla xejn relatat mal-hruq tan-nar li jista' kawza tieghu jigu kkaggunat xi incidenti. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.7 <u>Item 2.16 (43/05)</u>'<u>Il-Progett "Europe Discovery"</u>

Is-Sur John Boxall, Sindku qal li l-Awtorita Maltija ghat-Turizmu, ma accettatx il-proposta tal-Kunsill Lokali tal-Birgu sabiex tissieheb f'dan il-progett flimkien ma' l-istess Kunsill propost mil-Assocjazzjoni AVEC.

1.8 <u>Item 3 (43/05) Hrug ta' applikazzjoni ghal impjieg ta' handyman part-time, mal-Kunsill Lokali tal-Birgu</u>

Is-Sindku, s-sur John Boxall, nforma lil Kunsilliera li din l-applikazzjoni ghada ma hargitx minhabba l-fatt li d-Dipartiment ghal Gvern Lokali ghadu ma tahx permess lil l-istess Kunsill biex tigi ppublikata din l-applikazzjoni.

## 2. <u>Korrispondenza</u>

2.1 Ittra mibghuta lis-sinjura Cynthia Misokova, *Policy Coordinator* fi Segretarjat Parlamentari ghal Konsumatur, Kompetizzjoni Gusta, Kunsilli Lokali u Djalogu Pubbliku, dwar l-applikazjoni ghal installazjoni tas-sistema fotovoltajika fuq il-bejt tal-Berga ta' Franza, fejn l-istess Kunsill gie nfurmat li l-approvazjoni min-naha tal-MEPA ser tigi ddeterminata sat-18 t'Awwissu, 2010, fejn il-Kunsill wera l-preokupazjoni tieghu li l-flus ivvutati ghal din is-sistema taht l-iskema "Energy Saving" ser jintilfu. Is-Sindku zied jghid li t-talba tal-Kunsill giet milqugha u l-€10,000 ser jibqghu ghad-disponibilta tal-Kunsill Lokali tal-Birgu sakemm isiru x-xoghlijiet koncernati.

2.2 Ittra minghand is-sur Jonathan Mckay, "*production coordinator*" , fejn ghan- nom tal-Kumpanija 360 Pictures u Triangle Media Entertainment, xtaq jara x'inhuma l-proceduri sabiex jsir *filming* fil-lokalita tal-Birgu. Is-Sindku zied jghid li din il-kumpanija aktar –il quddiem ser tinforma lil Kunsill b'aktar dettalji x'ser issir fil-lokalita tal-Birgu u l-permessi mehtiega min-naha tal-Kunsill.

2.3 Is- Sindku pprezenta kopja tal-pjanti kif ukoll l-estimi finanzjarji tal-progett tal-parkegg taht il-ground tal-Fortini, liema progett fit-totalita tieghu huwa smat li jiswa € 4,231,505. Wara diskussjoni s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jaghmel laqgha mal-kumitat tal-Vittoriosa Stars F.C. Barra minhekk, is-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jara il-possibilta sabiex japplika ghal dan il-progett taht l-iskema ta' l-ERDF. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.4 Is-Sur John Boxall, Sindku, pprezenta diversi proposti mibghuta minghand il-Perit MarkJohn Scicluna sabiex l-latrini pubblici f'Sally Porte, fil-post maghruf bhala t-toqba jkunu accesibli ghal persuni b'dizabilita. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jaghzel il-proposta numru 4. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.5 Ittra minghand is-Sur Noel Castillo, President ta' l-Ghaqda Piroteknika 10 t'Awwissu, fejn ghan-nom ta' din is-socjeta, talab permess lil Kunsill Lokali tal-Birgu sabiex fil-granet tal-festa ta' San Lawrenz, ezattament fis-6, fi 8, fi 9 u fl-10 t'Awwissu, 2010, fi Triq it-Torri ta' San Gwann, jintrama stand ta' ikel u xorb. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex jinhareg u jinghata l-permess mehtieg. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.6 Is-Sindku pprezenta ittra mibghuta lil Onor Chris Said, Segretarju Parlamentari, dwar il-preokupazzjoni tal-Kunsill dwar id-devoluzjoni tas-sular ta' fuq ta' Couvre Porte.

2.7 Invit mil-Assocjazzjoni AVEC sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jippartecipa fil-laqgha tal-Kunsill Aministrattiv ta' din l-Assocjazjoni li ser issir bejn l-14 u s-16 t'Ottubru, 2010 gewwa Osijek, Croatia. Dwar dan kien hemm qbil unanimu sabiex il-Kunsill jippartecipa u jattendi ghal din il-konferenza.

2.8 Is-Sindku, s-Sur John Boxall, pprezenta ittra mibghuta lis-Sur Hua Bin, Managing Director tal-Kumpanija Sanya Serenity Marina Co. Ltd, mil-Belt ta' Sanya, c-Cina, wara li s-Sindku kellhu l-opportunita li jintaqa' mieghu waqt laqgha li gie organizzat mil-Grand Harbour Marina fl-ufficju amministrattiv ta' l-istess Kumpanija, fejn ghaliha kien hemm prezenti s-Sindku ta' din il-belt Ciniza..

2.9 Is-Sur John Boxall, Sindku pprezenta ittra minghand is-sur Joseph Theuma fejn wera l-interess sabiex joffri s-servizz tieghu minghajr l-ebda hlas bhala konsulent ghal Kunsill Lokali tal-Birgu. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex issir laqgha mas-sur Joseph Theuma, sabiex jigi spjegat ahjar ir-rwol tieghu mal-Kunsill Lokali tal-Birgu. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 3. <u>L-attivita tal-BirguFest 2010</u>

Is-Sindku s-Sur John Boxall, tah rendikont tal-preparamenti li qeghdin isiru inkonessjoni ma' l-attivita tal-BirguFest, 2010. Hawnhekk is-Sindku pprezenta kopja ta' *letterhead* li qed jipproponi sabiex tkun dik l-ufficjali ghal din l-attivita. Il-Kunsilliera prezenti taw l-opinjoni taghhom u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Is-Sindku fakkar il-Kunsilliera li ghal din l-attivita ser ikun hawn ukoll esebizzjoni ta' l-Oralities, kif ukoll esebizzjoni ohra tal-Mosaics ta' Ravenna, liema esebizzjonijiet ser jitellghu fil-Berga ta' Franza. Barra min hekk is-Sindku zied jghid, li bhalissa ghaddejin id-diskussjonijiet sabiex naraw il-possibilta li jingiebu x-xabla u l-istallet tal-Gran Mastru La Vallette. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Is-Sur Boxall, Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li sabiex din l-attivita tiddahhal fil-Guinness Book of Records, il-Kunsill Lokali tal-Birgu irid ihallas € 1003 sabiex jinbeda l-process, u jinghata d-dritt sabiex fil-pubblikazzjonijiet kollha relatati jibda jidher il-logo ta' din l-agenzija maghrufa, kif ukoll l-ammont ta' € 2861,50 inkonessjoni mal-preparamenti kollha mehtiega sabiex l-attivita tal-Birgu By Candlelight tkun parti mil-Guinness Book of Record. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Is-Sindku kompla billi rreferea ghal laqgha li saret ghal volontiera fil-berga ta' Franza, nhar it-Tlieta 8 ta' Gunju, 2010, relatata ma din l-attivita fejn hemm gie suggerit sabiex issir sotto-kumitat fi hdan il-Kunsill min dawk prezenti biex jghinu lill-istess Kunsill fl-organizazzjoni ta' din l-attivita. Ghalhekk is-Sindku pprezenta l-lista tal-persuni nominate u li accettaw li jkunu jaghmlu parti min dan is-sotto Kumitat li huma s-sur Mario Mifsud, is-Sinjura Miriam DeRaffaele, is-sur Mario Gatt, is-sur Emanuel Attard, is-Sinjura Miriam Zarb, is-Sinjura Sandra Cassar, is-Sur Alfred Pace u s-sur J.C. Azzopardi. Is-Sindku staqsa jekk hemm xi oggezzjoni ghal dawk nnominati li wara, kollha gew approvati unanimament.

4. **<u>Progett Fuq tal-Hawli</u>**

Is-Sindku, s-Sur John Boxall, tah rendikont tax-xoghlijiet pendent inkonessjoni mal-Progett tal-Gnien Fuq tal-Hawli. Is-Sindku stqar li fil-prezent, il-Kunsill qieghed jsib diffikultajiet kbar sabiex jaghmel kuntatt mal-Perit responsabli min dan il-progett, il-Perit Duncan Mifsud, sabiex jigu solvuti l-affarijiet li hemm pendent li qed jigu mitluba mill-entitajiet koncernati.

5. **<u>Progett « Beyond Signs in the City »</u>**

Il-Kunsilliera Miriam Grech, talbet lis-Segretarja Ezekuttiva sabiex issiru l-appuntamenti mehtiega ghat-tkomplija tal-progett « Beyond Signs in the City ». Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

6. **<u>Decizjoni dwar it-tender ghal gbir ta' skart goff.</u>**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li s-sejha ghat-tender ghal gbir ta' skart goff, ghalqet fil- 21 ta' Mejju, 2010 u ghaliha giet sottomessa applikazzjoni wahda, dik tal-Kumpanija EuroClean Co. Ltd. Is-Sindku zied jghid li din il-kunpanija tat erbgha proposti differenti li jinkludu:

Option A. – Gbir ta' skart goff mit-Tnejn sal-Gimgha ghal prezz ta' € 39 kuljum
Option B. – Gbir ta' skart goff nhar ta' Tnejn, Erbgha u Gimgha ghal prezz ta' € 56 kuljum
Option C – Gbir ta' skart goff darba fil-gimgha ghal prezz ta' €135 fil-gimgha

Option D – Gbir ta' skart ghal kull *household* sa tlett affarijiet ghal prezz ta' €5.50 kull dar.

Wara diskussjoni s-Sindku ssuggerixxa li l-Kunsill ghandu jaghzel Option A, fejn il-gbir ta' skart goff jsir mit-Tnejn sal-Gimgha. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 7. Decizjoni dwar it-tender ghas-servizz ta' Perit.

Is-Sindku, nforma lil Kunsilliera li s-sejha ghat-tender ghas-servizz ta' Perti ghalqet fil-21 ta' Mejju, 2010 u ghaliha gew sottomessi zewg applikazzjonijiet dik tal-perit MarkJohn Sciluna fejn ikkwota :

- Management Fee – 2%
- Consultancy Service - € 20/hour
- Preparation of bills of quantities – 2%

Kif ukoll, dik tal- Perit Colin Zammit, fejn ikkwota:

- Management Fee – 2.4%
- Consultancy Service - € 23.29/hour
- Preparation of bills of quantities – 0.75%

Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jilqa' u japprova l-applikazjoni tal-Perit MarkJohn Scicluna, peress li din globalment, kienet l-irhas offerta. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 8. Decizjoni dwar it-tender ghas-servizz ta' accountant.

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li s-sejha ghat-tender ghas-servizz ta' Accountant ghalqet fil- 21 ta' Mejju, 2010 u ghaliha gew sottomessi erbgha applikazzjoni, li kienu :
a. Is-Sur Lawrence A. Cauchi ghal prezz ta' € 49.40 vat inkluz fis-siegha,
b. Is-sur Joseph Bezzina, ghal prezz ta' € 16,
d. Il-kumpanija CC. Accountants and Auditors, ghal prezz ta' € 29.50 fis-siegha,
e. Il-Kumpanija Erreme Business Advisors ghal prezz ta' €23.60 fis-siegha ghas-servizz ta' assistant , flimkien ma' €35.40 fis-siegha ghas-servizz ta' accountant.

Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jaghzel l-irhass offerta, dik tas-sur Joseph Bezzina, li huwa ukoll l-accountant attwali tal-Kunsill. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 9. Approvazzjoni ta' l-iskema ta' finanzjament ta' progetti specjali f'lokalijiet zghar

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li l-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Birgu, ghall-iskema ta' finanzjament ta' progetti specjali f'lokalitajiet zghar (Memo 27/2010), ghal progett tal-manutenzjoni u t-tisbih tal-lattrina pubblika li tinsab f'Sally Porte, fil-post maghruf bhala t-toqba giet approvata, u l-Kunsill nghata s-somma ta' € 15,000 mil-Kumitat ta' l-Evalwazjoni, fejn € 7500 inhataw issa u l-kumplament ser jinghata hekk kif il-Kunsill jipprezenta l-ircevuti fiskali kollha relatati ma' dan il-proffet

## 10. Affarijiet Ohra.

10.1 Is-Sindku ressaq ghal approvazzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti dovuti mil-Kunsill. Wara diskussjoni, s-Sindku ppropona sabiex din il-lista tigi approvata. Is-sur Christopher Cassar, Vici Sindku ssekonda u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Il-laqgha ntemmet fil-7:45 ta' filghaxija.

| ______________________________ | ______________________________ |
|---|---|
| Christine Bonello | ikkonfermati John Boxall |
| Segretarja Ezekuttiva | Sindku |



John Boxall - Sindku, Christopher Cassar - Vici Sindku,
Miriam Grech – Kunsilliera, Ivan Peresso – Kunsillier, Judith Saliba - Kunsilliera
Christine Bonello – Segretarja Ezekuttiva